Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0070

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta’ applikazzjoni tiegħu

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta’ Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta’ applikazzjoni tiegħu (COM(2025)0797 – C10-0370/2025 – 2025/0429(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0040/2026).

Emenda 1

Proposta għal regolament
Artikolu -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1
	Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) l-ipproċessar ikun:	(a) l-ipproċessar:
(i) strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***u li tiġi identifikata s-solleċitazzjoni tat-tfal u din tiġi rrapportata lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;***	(i) ikun strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online magħruf u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;
(ii) proporzjonat u limitat għal teknoloġiji li jintużaw mill-fornituri għall-iskop stabbilit fil-punt (i):	(ii) ikun proporzjonat u limitat għal teknoloġiji li jintużaw mill-fornituri għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
(iii) limitat għal data dwar il-kontenut ***u data relatata dwar it-traffiku*** li ***hija*** strettament meħtieġa għall-iskop stabbilit fil-punt (i);	(iii) ikun limitat għal data dwar il-kontenut li ***tkun*** strettament meħtieġa għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
(iv) limitat għal dak li hu strettament meħtieġ għall-iskop stabbilit fil-punt (i);	(iv) ikun limitat għal dak li jkun strettament meħtieġ għall-iskop stabbilit fil-punt (i);
	(v) ma jkunx applikat għal komunikazzjonijiet

interpersonali li għalihom jiġi applikat, ġie applikat jew ikun se jiġi applikat kriptaġġ minn tarf sa tarf;

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt ia (ġdid

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1a
	Fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/1232, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(ia) immirat, speċifiku u limitat għal utenti individwali, grupp speċifiku ta' utenti, jew bħala tali inkella bħala abbonati għal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni, li fir-rigward tagħhom ikun hemm raġunijiet raġonevoli ta' suspett ta' rabta, anki indiretta, ma' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li jkunu ġew identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti;

Emenda 2

Proposta għal regolament
Artikolu -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 - paragrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1a
	Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/1232, il-punt (b) huwa sostitwit

	b'dan li ġej:
(b) it-teknoloġiji użati għall-fini stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu jkunu f'konformità mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u jkunu l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, sal-punt li jintużaw biex jiskennjaw it-test fil-komunikazzjonijiet, ma jkunux jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet iżda jkunu jistgħu jidentifikaw biss xejriet li jindikaw abbuż sesswali tat-tfal online possibbli;	(b) it-teknoloġiji użati għall-fini stabbilit fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu jkunu f'konformità mal-oġħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija u jkunu l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza, inkluż fir-rigward tal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, sal-punt li jintużaw biex jiskennjaw it-test fil-komunikazzjonijiet, ma jkunux jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet iżda jkunu jistgħu jidentifikaw biss xejriet li jindikaw abbuż sesswali tat-tfal online possibbli, ***u, meta tali teknoloġiji jintużaw għall-identifikazzjoni ta' solleċitazzjoni tat-tfal jew materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mhux identifikat preċedentement, tali użu għandu jkun limitat għal każijiet meta l-fornitur ikun irċieva rapport jew notifika konkreti minn utent, sinjalatur fdat, jew organizzazzjoni li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal dwar komunikazzjoni, kont jew interazzjoni speċifiċi li jindikaw suspett raġonevoli ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u l-identifikazzjoni għandha tkun strettament limitata għal dak li jkun meħtieġ fir-rigward ta' dak il-każ irrapportat.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 10 - it-tieni subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sat-3 ta' ***April 2028***.	Għandu japplika sat-3 ta' ***Awwissu 2027***.